MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Numru. 1174/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**
**Charles Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 1174/2008**

Illum, 25 ta’ Mejju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charles Cassar ta’ 63 sena iben George u Josephine nee` Farrugia Bugeja, imwieled Rahal Gdid fil-21 ta’ Marzu, 1945, residenti numru 30, Triq Ninu Cremona, Rahal Gdid detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 340945M.

Akkuzat talli fit-30 ta’ Ottubru, 2008 ghal-habta ta’ xi 18:45hrs waqt li kien fi Triq Ninu Cremona f’ Rahal Gdid.

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq vettura Nru. BBR-497 ta’ l-ghamla Fiat Stilo ghad-dannu ta’ Gabriele Brincat minn San Gwann liema hsara ma tiskorrix €1164.69 imma hi izjed minn €116.47.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss li jezercita jedd li tippretendi li ghandu, gieghel b’ awtorita’ tieghu innifsu billi kaxkar vettura numru tar-registrazzjoni BBR-497 tal-ghamla Fiat Stilo propjeta’ ta’ Gabriele Brincat minn San Gwann.

Rat l-artikoli 85(1) u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux ogezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma pjuttost semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi jirrizulta li nhar it-30 ta’ Ottubru 2008 l-parte civile Gabriele Brincat ipparkja l-vettura tieghu ta’ tip FIAT Stilo b’numru ta’ registrazzjoni BBR-497 fi Triq Ninu Cremona Rahal l-Gdid parzjalment quddiem garaxx b’mod li l-vetturi li setghu kienu f’dak il-garaxx ma setghux jinstaqu barra mill-garaxx.

Illi l-imputat li huwa sid il-garaxx, ex admissis, u b'l-ghajnuna ta' xi persuni ohra, caqlaq il-vettura ta' Brincat billi kaxkarha ftit 'l fuq sa kemm giet tistrieh mal-vettura li kien hemm ipparkjata quddiemha.

Illi membru tal-familja ta' Brincat li toqghod f'dawk l-akwati (hu fil-fatt kien ghandha) gibdietlu l-attenzzjoni li kien hemm xi nies hdejn il-vettura tieghu, ghalhekk hu hareg. Hu sab li l-vettura tieghu kienet giet mcaqalqa u li kellu xi hsara fil-vettura. B'mod partikolari sab il-hgieg tad-dawl tan-naha ta' wara max-xellug imkisser u sab ukoll li l-mould tal-bieba ta' wara kienet inqalghat.

Illi ngiebet stima ta' dawn il-hsarat li skond l-istess jammontaw ghal mija disgha u hamsin Euro u disgha u disghin centezmu (Euro 159.99).

Illi l-imputat fil-waqt li fattwalment jammetti li caqlaq il-vettura ta' Brincat jinnega kwalunkwe responsabilta kriminali ghal dan l-agir, hekk kif jinnega li huwa kkawza xi hsara f'l-imsemmija vettura.

Ikkunsidrat

Ir-reati addebietati lill-imputat huma tnejn: dak komunement maghruf bhala *ragjon fattasi* u ta' hsara volontarja.

Illi l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' *ragjon fattasi* huma ben stabbiliti fis-sistema guridika taghna. Dawn huma:

a. att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qieghed igwadi, liema att ikun esegwiet kontra l-opozzizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-hadd iehor;
b. il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizju ta' dritt;
c. il-koxjenza f'l-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta'l-awtorita pubblika; u
d. in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.[1]

[1] Pulizija vs Spiro Bartolo Appell Kriminali deciz 09.01.06

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-parte civile ipparkja quddiem il-garaxx ta’l-imputat. Rinfaccjat b’dan l-agir l-imputat cempel l-ghassa tal-pulizija u lill-gwardjani lokali pero ma rnexxielux jaqbad, ghalhekk ghamel hu dak li kellu jsir permezz ta’l-awtoritajiet kompetenti billi kaxkar il-vettura ta’ Brincat, u dan ghamlu b’ezercizju ta’ dritt li huwa pretenda li ghandu li jidhol u johrog mill-garaxx tieghu bla xkiel.

Illi konsegwentement l-ewwel imputazzjoni giet pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik ta’ hsara volontarja.

Illi mill-atti jirrizulta li l-vettura ta’ Brincat kellha il-hgieg tal-fanal ta’ wara mkisser u l-mould maghqluh. Brincat fil-fatt jallega li meta huwa pparkja il-vettura ma kelliex hsarat. Dan huwa korroborat mid-depozizzjoni ta’ PS 825 Jeffrey Cutajar li qal li meta mar fuq il-post ta’ l-incident ra l-hgieg tal-fanal ma’l-art hdejn il-vettura. Ghalhekk il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-hsara fil-vettura giet ikkawzata f’l-istess hin li kienet qed tigi mkaxkra mill-imputat u persuni li inkariga hu biex jghinuh. L-imputat, in kwantu awtur ta’ dan id-delitt, ghalhekk ghandu jirrispondi anke ghal hsara kkawzata fil-vettura.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi li wasslu lill-imputat ghall-agir kriminuz tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 85(1) u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u li fi zmien sitt xhur ihallas lill-parte civile Gabriele Brincat is-somma ta’ mija disgha u hamsin Euro u disgha u disghin centezmu (Euro 159.99).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ir-responsabbilta tieghu u x'jigir jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------